# Birmiftuħ (Gudja) Parroċċa Arċimatriċi 1910-2010

Bħalma jiġri fil-familja, fejn l-ulied jiżżewġu u jinqatgħu, hekk jiġri wkoll fil-bliet u fl-irħula Maltin. Sal-aħħar snin tas-seklu sittax, Birmiftuħ, wieħed mill-eqdem parroċċi ta' Malta, kien ikopri madwar tletin kilometru kwadru. Fl-aħħar tmien snin tas-seklu sittax infirdu minn Birmiftuħ Ħal Safi, Ħal Kirkop, L-Imqabba, Ħal Farruġ u Ħal Tarxien. Fl-1643 infired Ħal Luqa u fl-1913 Birżebbuġa saret ukoll parroċċa awtonoma bil-parti ċentrali tagħha tinfired minn Birmiftuħ. Sal-aħħar tas-seklu għoxrin Birmiftuħ kien baqagħlu biss ir-raħal tal-Gudja.

Fid-29 ta' Mejju tal-1592 l-Isqof Fra Tumas Gargallo waqqaf il-parroċċa l-ġdida ta' Ħal Tarxien li f'dak iż-żmien kellu madwar 600 ruħ li kienu jgħixu f'100 dar.

Meta l-Ordni ta' San Ġwann ġie Malta, qiegħed l-għamara tiegħu fil-Birġu. B'hekk, Ħal Tarxien u Ħal Luqa bdew jikbru sewwa għax kienu fit-triq ewlenija bejn il-Birgu u l-Imdina. Il-Marsa kienet art kollha għadajjar, ilma qiegħed, u b'ħafna insetti li joħolqu l-malarja.

Fl-1623, il-Gran Mastru Antoine De Paule ried jibni raħal ġdid imsemmi għalih. Il-Kunsill tal-Ordni ta postijiet b'ċens perpetwu lill-persuni li kienu jappoġġjaw 'l-Ordni. De Paul, bi spejjeż tiegħu, bena l-knisja ta' Santa Ubaldeska. Hu ried li dan ir-raħal ikun popolat malajr. Fl-1630 ħareġ bandu li jagħti privileġġ lil dawk li jmorru jgħammru hemm-li ħadd ma jkun jista' għalihom fuq djun. Minkejja dan, in-nies qajla tħajret tmur hemm minħabba l-biża' tal-malarja. Fl-1646 kien hemm 50 dar u fl-1667 kien hemm 62 dar b' 213-il persuna. Fl-1770, madwar mitt sena wara, il-popolazzjoni niżlet għal 200, għalkemm fl-istess żmien Gran Mastri u kavallieri oħrajn bnew djar għalihom f'dak il-lokal. Sas-sena 1842 iċ-ċensiment juri li Casal Paola baqa' jnaqqas il-popolazzjoni, li kienet saret ta' 107 persuni.

Bejn l-1840 u l-1870 il-menqa tal-Marsa nbidlet f'port biex tikkumplimenta 'l-Port il-Kbir. Fl- 1859 beda t-tħammil tal-ħama u l-ilma qiegħed fil-Marsa. Bejn l-1871 u l-1907 fit-tarzna nbnew ħames baċiri. Fl-1848 inbena l-ħabs ċivili u fl-1865 inbena ieħor militari. Fl-1862 beda x-xogħol tal-bini taċ-ċimiterju tal-Addolorata. Il-ħolqien ta' xogħol ħajjar lin-nies tgħammar f'Raħal Ġdid u fl-aħħar tas-seklu dsatax, il-popolazzjoni kienet ta' madwar 2800 ruħ. Fi żmien għaxar snin, sal-1911, il-popolazzjoni laħqet 4400 ruħ.




Fis-7 ta' Marzu 1905 il-kappillan ta' Ħal Tarxien talab lill-Isqof Pietru Pace biex skont ix-xewqa tal-Pawlisti, jifred lil Raħal Ġdid minn Ħal Tarxien. Fid-29 t'Awwissu 1905 ħareġ digriet li bih Raħal Ġdid sar viċi parroċċa. Kien żmien li l-popolazzjoni kienet qed tikber ħafna. Fis-26 t'Ottubru 1909 l-isqof ħabbar il-limiti ta' Raħal Ġdid u fit-12 ta' Lulju 1910 ħareġ id-digriet li bih Casal Paola sar parroċċa, Ħal Tarxien matriċi u Birmiftuħ arċimatriċi.

B'digriet tal-Arċisqof Mikiel Gonzi, fil-11 ta' Settembru 1974, il-parroċċa tal-Madonna ta' Lourdes f'Raħal Ġdid infirdet minn dik ta' Kristu Re b'seħħ mit-22 ta' Settembru 1974, u l-parroċċa ta' Kristu Re saret matriċi wkoll.

**Mario Gatt**